MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 873/2010

**ASSOCIATED MOTORS LIMITED** (C-720)

VS

Emanuel **VELLA** u martu Anna Vella

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-2 ta' Settembru, 2010, li bih is-soċjeta' attriċi, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti: (1) tgħaddi biex tagħti s-sentenza mingħajr is-smigħ għall-finijiet tal-artikoli 167 sa 179 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (2) tikkundanna lill-imħarrkin biex iħallsuha s-somma ta' ħmistax –il elf sitt mija u erbatax –il ewro u sitta u disgħin ċenteżmi (€15,614.96) li tirrappreżenta l-bilanċ ta' prezż ta' bejgħ ta' karozza tal-għamla *Honda Pass* bin-numru tar-reġistrazzjoni RWD-240, flimkien mal-

imgħaxxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-20 ta' Lulju, 2010, sal-jum tal-ħlas effettiv. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum mill-avukat tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) **tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fir-Rikors Maħluf u tgħaddi għall-għoti tas-sentenza mingħajr smigħ;

(2) **tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin biex, flimkien u in solidum bejniethom, iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' ħmistax –il elf sitt mija u erbatax –il ewro u sitta u disgħin ċenteżmi (€15,614.96) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' vettura lilhom mibjugħa kif fuq ingħad;

(3) **bl-ispejjeż** kontra l-konvenuti, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-20 ta' Lulju, 2010, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------